IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2021
COM(2021) 264 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-operat tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Vetturi bil-Mutur (UE) Nru 461/2010

{SWD(2021) 112 final}

Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru 461/2010 tal-27 ta' Mejju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("it-Trattat") għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur[1] (l-"MVBER"), il-Kummissjoni hija meħtieġa timmonitorja l-operat ta' dan ir-Regolament u tfassal rapport sal-31 ta' Mejju 2021.

L-Artikolu 101(1) tat-Trattat jipprojbixxi akkordji bejn impriżi u prattiki miftiehma li jirrestrinġu l-kompetizzjoni, sakemm, skont l-Artikolu 101(3) tat-Trattat, ma jikkontribwixxux għat-titjib tal-produzzjoni jew tad-distribuzzjoni ta' prodotti jew għall-promozzjoni tal-progress tekniku jew ekonomiku, filwaqt li jippermettu lill-konsumaturi sehem ġust mill-benefiċċji li jirriżultaw. L-MVBER jipprevedi li b'effett mill-1 ta' Ġunju 2013, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 330/2010 tal-20 ta' April 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma (il-"VBER") japplika għal akkordji għad-distribuzzjoni ta' vetturi ġodda. Fir-rigward tal-akkordji relatati mal-bejgħ jew mal-bejgħ mill-ġdid ta' spare parts għal vetturi bil-mutur jew mal-forniment ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni għal vetturi bil-mutur, l-Artikolu 4 tal-MVBER jipprevedi li l-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma japplikax, diment li dawn l-akkordji jissodisfaw ir-rekwiżiti għal eżenzjoni skont il-VBER u ma jkun fihom l-ebda waħda mill-klawżoli fundamentali[2] elenkati fl-Artikolu 5 tal-MVBER.

Din il-konfigurazzjoni li tirriżulta timplika li dan ir-rapport jenħtieġ li jevalwa l-funzjonament tal-MVBER u l-Linji Gwida Supplimentari[3] ("SGL"), kif ukoll il-VBER u l-Linji Gwida dwar ir-restrizzjonijiet vertikali[4] ("VGL") sa fejn dawn japplikaw għad-distribuzzjoni ta' vetturi bil-mutur ġodda, il-provvista ta' servizzi ta' tiswija u manutenzjoni u d-distribuzzjoni ta' spare parts fl-Unjoni Ewropea ("UE"). F'dan ir-rapport, dawn l-erba' settijiet ta' regoli jissejħu kollettivament ir-"reġim tal-MVBER"[5].

Dan ir-rapport huwa akkumpanjat minn Dokument ta' Ħidma tal-Persunal ("SWD") u sitt annessi tekniċi. Ir-rapport ma jippreġudikax in-natura jew il-kontenut finali ta' kwalunkwe att li l-Kummissjoni tista' tħejji wara l-pubblikazzjoni ta' dan ir-rapport.

1. Sfond għall-intervent u s-sorsi

[1] ĠU L 129, 28.5.2010.

[2] Klawżoli fundamentali huma dawk li jekk jiġu inklużi f'akkordju vertikali jneħħu l-benefiċċju tal-eżenzjoni mill-akkordju kollu, li jfisser li jkun jeħtieġ li titwettaq valutazzjoni individwali skont l-Artikolu 101(3) tat-Trattat.

[3] Linji gwida supplimentari dwar restrizzjonijiet vertikali f'akkordji dwar il-bejgħ u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur u d-distribuzzjoni ta' spare parts għal vetturi bil-mutur. ĠU C 138, 28.5.2010.

[4] Linji Gwida dwar ir-Restrizzjonijiet Vertikali. ĠU C 130, 19.5.2010.

[5] Il-VBER kien ukoll soġġett għal evalwazzjoni (ara d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal disponibbli hawnhekk) u bħalissa qed jiġi rivedut. Il-VBER jiskadi fil-31 ta' Mejju 2022, jiġifieri sena qabel l-MVBER.

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar jekk għandhiex tingħata eżenzjoni ta' kategorija għas-settur tal-vetturi bil-mutur u, jekk iva, f'liema forma, trid tkun ibbażata fuq ir-rekwiżiti tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat[6]. Ir-reġim tal-MVBER isegwi objettivi ġenerali u speċifiċi mfassla biex jiżguraw li r-rekwiżiti tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat jintlaħqu. L-objettivi speċifiċi tar-reġim tal-MVBER huma (i) li tipprovdi ċertezza legali lill-partijiet ikkonċernati fis-settur tal-vetturi bil-mutur dwar liema akkordji vertikali jistgħu jitqiesu konformi mal-Artikolu 101 tat-Trattat; (ii) li jitnaqqas ir-riskju ta' "pożittivi foloz" (jiġifieri, eżenzjoni żejda) u "negattivi foloz" (jiġifieri, eżenzjoni nieqsa); (iii) li tipprovdi qafas komuni ta' valutazzjoni għall-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni ("NCAs") u l-qrati nazzjonali, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-Trattat; u (iv) li jipproteġi ċerti forom ta' kompetizzjoni fis-settur tal-vetturi bil-mutur. Dawn l-erba' objettivi speċifiċi kollha jappoġġaw l-**objettiv ġenerali**: li jinżamm l-effett ta' deterrent tal-Artikolu 101 tat-Trattat billi tiġi ffaċilitata l-ħidma ta' infurzar tal-Kummissjoni, tal-NCAs u tal-qrati nazzjonali u li n-negozji jiġu megħjuna jwettqu l-awtovalutazzjoni tal-akkordji vertikali tagħhom fis-settur tal-vetturi bil-mutur. Peress li l-isfond legali u fattwali għar-regoli tal-kompetizzjoni huwa fluwidu, il-Kummissjoni trid tanalizza jekk ir-reġim tal-MVBER u l-objettivi tiegħu llum il-ġurnata għadhomx xierqa, b'referenza għall-ħames kriterji tal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar[7] (jiġifieri, l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-UE).

Fit-3 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni nediet uffiċjalment il-proċess ta' evalwazzjoni għar-reġim tal-MVBER[8], bil-għan li tfassal dan ir-rapport. L-evalwazzjoni hija bbażata fuq firxa wiesgħa ta' sorsi ta' informazzjoni: L-attivitajiet ta' monitoraġġ u infurzar tal-Kummissjoni fis-settur, konsultazzjoni pubblika[9] mal-partijiet ikkonċernati, studju ta' ġbir ta' informazzjoni dwar l-evoluzzjoni tas-settur tal-vetturi bil-mutur bejn l-2007 u l-2017, kif ukoll żewġ konsultazzjonijiet immirati[10] mal-NCAs biex (i) tinġabar *data* dwar l-infurzar mill-NCAs tar-reġim tal-MVBER u regoli nazzjonali ekwivalenti; u (ii) jiġbru l-opinjonijiet tagħhom dwar il-prestazzjoni tar-reġim tal-MVBER.

2. Karatteristiċi tas-settur

2.1.Is-swieq taħt evalwazzjoni

L-industrija tal-vetturi bil-mutur għandha katina tal-provvista kumplessa b'entitajiet eteroġeni li jikkoeżistu u jinteraġixxu f'livelli differenti. Fir-rigward tad-**distribuzzjoni tal-vetturi**, il-forniturі huma manifatturi tal-vetturi u l-importaturi tagħhom. Min-naħa tad-domanda, l-atturi ewlenin huma individwi u kumpaniji privati. Xi whud minn dawn

6 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 19/65 jippermetti lill-Kummissjoni tapplika l-Artikolu 101(3) tat-Trattat permezz ta' regolament għal ċerti kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiki miftiehma korrispondenti li jaqgħu taħt l-Artikolu 101(1) tat-Trattat li għalihom wieħed jista' jassumi b'ċertezza suffiċjenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat.

7 Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni, Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, Brussell, tas-7 ta' Lulju 2017, SWD (2017) 350.

8 Ara t-Taqsima 4.1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

9 Il-konsultazzjoni saret bejn it-12 ta' Ottubru 2020 u l-25 ta' Jannar 2021. Ara l-Anness 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni għal aktar dettalji.

10 Il-konsultazzjonijiet saru mit-8 ta' Ġunju 2020 sas-16 ta' Jannar 2021. Ara l-Anness 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni għal aktar dettalji.

tal-aħħar huma operaturi professjonali tat-trasport/tal-mobilità, filwaqt li oħrajn huma attivi f'setturi oħrajn, iżda jużaw vetturi bil-mutur għat-trasport ta' oġġetti u ħaddiema. Fir-rigward **tat-tiswija u tal-manutenzjoni**, il-fornituri tas-servizzi huma sewwejja awtorizzati (kumpaniji b'arranġamenti kuntrattwali formali mal-fornituri tal-vetturi bil-mutur) u sewwejja indipendenti. Min-naħa tad-domanda, l-atturi ewlenin huma għal darb'oħra individwi u kumpaniji privati. L-**ispare parts** huma pprovduti mill-Fornituri tat-Tagħmir Oriġinali ("OES"),[11] direttament, jew permezz tal-manifatturi tal-vetturi, u minn fornituri indipendenti, li – b'kuntrast mal-OES – ma jipprovdux parts għall-assemblaġġ tal-vetturi. Min-naħa tad-domanda, l-atturi ewlenin huma s-sewwejja, u sa ċertu punt l-operaturi tal-flotta u l-individwi privati.

Jekk akkordju partikolari jistax jibbenefika minn eżenzjoni skont ir-reġim tal-MVBER jiddependi, fost l-oħrajn, mis-sehem tas-suq. Għalhekk, definizzjoni korretta tas-suq hija fattur importanti fi kwalunkwe valutazzjoni. F'xi ċirkostanzi, jista' jiġi definit suq tas-sistema li jinkludi l-vetturi bil-mutur u l-ispare parts flimkien, filwaqt li jitqiesu, fost l-oħrajn, it-tul tal-ħajja tal-vettura bil-mutur kif ukoll il-preferenzi u l-imġiba tax-xiri tal-utenti.[12]. F'każijiet bħal dawn, l-ishma mis-suq rilevanti jkunu dawk għas-sistema kollha (b'diversi marki) aktar milli għat-tiswija u l-manutenzjoni u għall-provvista ta' spare parts.

Matul il-konsultazzjonijiet li wasslu għal dan ir-rapport, xi NCAs issuġġerew li s-swieq tal-vetturi bil-mutur jistgħu jitqiesu bħala tali sistema.

Fattur importanti għall-analiżi tas-saħħa tar-rabtiet mas-suq huwa jekk proporzjon sinifikanti ta' xerrejja jagħmlux l-għażla tagħhom filwaqt li jqisu l-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja. Fattur rilevanti ieħor huwa l-eżistenza u l-pożizzjoni relattiva tal-entitajiet li joperaw fis-suq ta' wara l-bejgħ indipendentement mill-fornituri tal-oġġetti primarji. Abbażi tal-informazzjoni miġbura matul l-evalwazzjoni, jidher li tal-inqas għall-karozzi tal-passiġġieri, x'aktarx li jkun hemm swieq sekondarji speċifiċi għal marka kummerċjali, b'mod partikolari minħabba li: (i) il-maġġoranza tax-xerrejja huma individwi privati jew impriżi żgħar u ta' daqs medju li jixtru vetturi bil-mutur u servizzi ta' wara l-bejgħ b'mod separat; (ii) għalkemm l-elementi żvelati fis-sejba tal-fatti juru li l-konsumaturi qed jużaw dejjem aktar l-Internet għar-riċerka qabel ma jixtru karozza tal-passiġġieri, huma ma jurux li dawn ix-xerrejja jadattaw malajr u b'mod konsistenti l-imġiba tax-xiri tagħhom b'reazzjoni għall-varjazzjonijiet fil-kundizzjonijiet tas-suq ta' wara l-bejgħ; u (iii) hemm qafas żviluppat sew ta' entitajiet li joffru biss prodotti u servizzi ta' wara l-bejgħ. Dan jista' ma jkunx il-każ għal kategoriji oħra ta' vetturi, fejn il-preżenza akbar ta' konsumaturi professjonali tista' tirriżulta f'xejriet ta' xiri aktar kumplessi.

2.2. L-iżviluppi tas-suq

[11] Dawn huma l-manifatturi tal-partijiet użati għall-immuntar inizjali tal-vettura.

[12] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 26 SGL u l-paragrafu 56 tal-Avviż tal-Kummissjoni dwar id-definizzjoni tas-suq rilevanti għall-finijiet tal-liġi Komunitarja dwar il-kompetizzjoni, ĠU C 372, 9.12.1997.

Dan is-settur għadda minn diversi bidliet mill-adozzjoni tal-MVBER fl-2010.

Fir-rigward tal-konċentrazzjoni fis-settur, l-ishma tas-suq varjaw maż-żmien, li jindika **kompetizzjoni qawwija bejn il-marki**. Barra minn hekk, għalkemm il-kriżi finanzjarja affettwat is-settur kollu mill-2008, in-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp ("R&Ż") tal-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri baqgħet pjuttost stabbli[13].

Fir-rigward tal-vetturi kummerċjali ħfief, l-ebda manifattur ma kellu ishma tas-suq partikolarment għoljin matul il-perjodu 2007-2017, għalkemm dan l-aħħar dan seta' nbidel minn mindu żewġ manifatturi ewlenin – FCA u PSA – ingħaqdu biex joħolqu kumpanija ġdida bl-isem Stellantis[14]. Bħal fil-każ tal-karozzi tal-passiġġieri, l-ishma tas-suq għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief ukoll varjaw. Madankollu, b'kuntrast mal-karozzi tal-passiġġieri, minn mindu daħal fis-seħħ ir-reġim tal-MVBER, is-settur tal-vetturi kummerċjali ħfief sar aktar ikkonċentrat, u aktar u aktar wara l-fużjoni FCA/PSA. Tradizzjonalment, is-setturi tal-karozzi tal-linja u tat-trakkijiet huma wkoll aktar ikkonċentrati[15]. It-tnejn raw xi bidliet f'termini ta' pożizzjonijiet fis-suq. L-istudju ta' ġbir ta' informazzjoni juri li n-nefqa fuq l-R&Ż żdiedet matul il-perjodu ta' osservazzjoni (2007-2017) għall-karozzi tal-linja u t-trakkijiet, li jista' jindika grad ta' kompetizzjoni.

Il-kompetizzjoni fi ħdan marka ma tidhirx li naqset b'mod sinifikanti bejn l-2007 u l-2017, tal-inqas sa fejn huma kkonċernati l-karozzi tal-passiġġieri. It-tnaqqis osservat fid-densità aggregata tan-network għall-karozzi tal-passiġġieri u ż-żieda fil-konċentrazzjoni tas-suq jidhru li b'mod ġenerali kienu moderati. Barra minn hekk, kien hemm xi diversifikazzjoni fis-sistemi ta' distribuzzjoni, għalkemm limitata u mingħajr bidliet sinifikanti fil-mod kif jintużaw is-sistemi differenti fil-livell tal-pajjiż.

L-istatistika turi li d-daqs tas-suq għas-servizzi ta' tiswija u manutenzjoni żdied bejn l-2007 u l-2017. Hija turi wkoll xejra ta' tnaqqis fid-densità tan-networks awtorizzati, li tista' tkun minħabba diversi fatturi, inkluż il-moviment osservat li għadu għaddej lejn il-konsolidazzjoni tan-networks tan-negozjanti awtorizzati, jew il-ħtieġa li jsiru investimenti akbar biex jiġu ssodisfati d-domandi tat-teknoloġiji diġitali u s-sistemi tal-motopropulsjoni ibridi/elettriċi.

L-istudju ta' tiftix tal-fatti jindika li l-operaturi indipendenti li jikkompetu ma' sewwejja awtorizzati fis-swieq tat-tiswija u tal-manutenzjoni xorta jistgħu jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet biex jaċċessaw l-inputs li jeħtieġu biex isewwu l-vetturi. Dan l-aspett jista' jsir aktar rilevanti biż-żieda fl-użu ta' teknoloġiji diġitali abbord u l-iżvilupp ta' vetturi ta' fjuwil alternattiv li jirrikjedu għarfien espert, għodod u spare parts speċifiċi.

---

13 Ara t-Taqsima 5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal u l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għal aktar dettalji u ċifri.

14 M.9730 FCA / PSA.

15 It-Taqsima 5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal u l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal jinkludu ħarsa ġenerali lejn l-ishma tas-suq u l-indiċijiet tal-konċentrazzjoni għall-karozzi tal-passiġġieri, il-vetturi kummerċjali ħfief, it-trakkijiet u x-xarabanks.

Bejn l-2007 u l-2017, is-suq għall-provvista ta' spare parts fi Stati Membri magħżula żdied bi kważi 30 % f'termini ta' valur tal-bejgħ. Matul l-istess perjodu, il-manifatturi tal-parts irreġistraw marġni operattiv stabbli, b'medja ta' madwar 6-7 %.

3. Il-kisba tal-objettivi[16]

Din it-taqsima tevalwa jekk l-objettivi tar-reġim tal-MVBER intlaħqux fil-prattika u sa liema punt ir-reġim tal-MVBER wera li huwa effettiv, u/jew rilevanti.

A. Objettivi ġenerali u speċifiċi

L-**ewwel objettiv speċifiku** tar-reġim tal-MVBER huwa li tiżdied iċ-ċertezza legali għall-partijiet ikkonċernati, li jagħmilha aktar faċli għalihom biex iwettqu l-awtovalutazzjoni meħtieġa mill-qafas usa' tal-liġi tal-kompetizzjoni[17].

Is-sottomissjonijiet mill-NCAs u minn dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika jissuġġerixxu li r-reġim ipprovda livell għoli ta' ċertezza legali. B'mod partikolari, il-Kummissjoni rċeviet relattivament ftit mistoqsijiet informali[18] dwar kif ir-regoli għandhom jiġu interpretati, u l-ebda wieħed mill-ilmenti formali li rċeviet dwar akkordji vertikali f'dan is-settur tal-vetturi bil-mutur ma kien jiddependi fuq fehim ħażin tar-regoli sostantivi. Madankollu, l-evalwazzjoni identifikat ċerti dispożizzjonijiet li: (i) jistgħu jibbenefikaw minn aktar kjarifiki; (ii) jista' jkun diffiċli li jiġu applikati; jew (iii) jistgħu jeħtieġu aġġustamenti minħabba żviluppi riċenti tas-suq, mudelli ta' negozju ġodda u/jew teknoloġiji ġodda.

It-**tieni objettiv speċifiku** tar-reġim tal-MVBER huwa li jitnaqqas ir-riskju ta': (i) pożittivi foloz, jiġifieri, eżenzjoni ta' akkordji li għalihom ma jistax jiġi preżunt b'ċertezza suffiċjenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat (eżenzjoni żejda); u (ii) negattivi foloz, jiġifieri, fejn l-akkordju jew il-prattika vertikali rispettiva ma tkunx eżentata bħala kategorija minkejja li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat (eżenzjoni nieqsa)[19].

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfati mill-akkordji kollha huma: (i) il-limitu tas-sehem mis-suq,[20] li taħtu tingħata l-eżenzjoni; u (ii) in-nuqqas ta' restrizzjonijiet fundamentali,[21] li jneħħu l-benefiċċju tal-eżenzjoni ta' kategorija għall-akkordju kollu. Il-kundizzjonijiet jinkludu wkoll ir-restrizzjonijiet esklużi,[22] li għalihom ma tapplikax l-

16 Ara l-Annessi 3 u 6 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għal aktar dettalji dwar il-fehmiet speċifiċi ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika u l-NCAs rigward l-ilħuq tal-objettivi tar-reġim tal-MVBER.

17 Ara t-Taqsima 6.1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

18 Madwar 14 % tas-sottomissjoni informali li waslet għand il-Kummissjoni bejn l-2010 u l-2020 kienet tikkonċerna mistoqsijiet ġenerali dwar l-applikabbiltà tar-reġim tal-MVBER.

19 Ara t-Taqsima 6.1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

20 L-Artikolu 3 VBER.

21 L-Artikolu 4 VBER u l-Artikolu 5 MVBER.

22 L-Artikolu 5 VBER.

eżenzjoni ta' kategorija, għalkemm il-bqija tal-akkordju li jinsabu fih xorta jista' jiġi eżentat.

Fid-dawl tal-fehmiet tal-maġġoranza ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika u l-NCAs, il-limitu attwali tas-sehem mis-suq ta' 30 % jidher li kien xieraq u li għadu rilevanti llum. Il-prattika ta' infurzar tal-Kummissjoni tappoġġa din il-fehma. Sal-lum, il-Kummissjoni ma identifikat l-ebda kategorija ta' akkordji li ma jistgħux jibbenefikaw mill-eżenzjoni minħabba s-sehem mis-suq tal-partijiet, iżda li huma relattivament mhux problematiċi f'termini ta' kompetizzjoni; l-identifikazzjoni ta' tali kategorija kienet tkun indikazzjoni li l-limitu ġie stabbilit f'livell baxx wisq. Lanqas ma sabet elementi li wassluha biex tikkunsidra li tirtira l-eżenzjoni minn kwalunkwe akkordju jew kategorija ta' akkordji fis-settur tal-vetturi bil-mutur, li hija indikazzjoni li l-limitu tal-eżenzjoni mhuwiex stabbilit għoli wisq. [23]

Meta jitqiesu l-fehmiet ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika u l-NCA, il-listi ta' restrizzjonijiet fundamentali u esklużi jibqgħu xierqa. Matul l-evalwazzjoni ma ġew identifikati l-ebda klawżoli addizzjonali li kellhom jitqiesu bħala kundizzjonijiet ġenerali għall-applikazzjoni tar-Regolament, jew bħala restrizzjonijiet fundamentali jew restrizzjonijiet esklużi.

It-**tielet objettiv speċifiku** tar-reġim tal-MVBER huwa li jipprovdi qafas komuni għall-applikazzjoni konsistenti tal-Artikolu 101 tat-Trattat mill-NCAs u l-qrati nazzjonali, fid-dawl tal-applikazzjoni deċentralizzata tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat[24].

L-evalwazzjoni turi li r-reġim tal-MVBER jipprovdi valur miżjud f'dan ir-rigward, peress li jidher li żied iċ-ċertezza legali u kien aktar effettiv meta mqabbel ma' gwida, prattika ta' infurzar u każistika nazzjonali aktar ġenerali u frammentati nazzjonalment pertinenti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 tat-Trattat għas-settur tal-vetturi bil-mutur. Din il-pożizzjoni hija appoġġata fil-biċċa l-kbira minn dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika u l-NCAs, għalkemm xi wħud minn dawn tal-aħħar jinnotaw li l-karattru tekniku ta' dawn id-dispożizzjonijiet jista' jagħmilha diffiċli biex jinftiehmu minn dawk li mhumiex avukati.

Ir-**raba' objettiv speċifiku** tal-MVBER huwa l-protezzjoni ta' ċerti aspetti tal-kompetizzjoni fis-settur tal-vetturi bil-mutur. Fil-Komunikazzjoni[25] tagħha tat-22 ta' Lulju 2009 ("il-Komunikazzjoni tal-2009") il-Kummissjoni sabet li għadd ta' objettivi speċifiċi ta' politika sottostanti għar-Regolament (KE) Nru 1400/2002[26] baqgħu validi. Dawn l-objettivi ġew stabbiliti fid-dawl ta' għadd ta' kwistjonijiet li, f'dak iż-żmien, tqiesu partikolarment

---

23 L-Artikolu 29(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tal-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat, ĠU L 1, 4.1.2003 jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tirtira l-benefiċċju tal-eżenzjoni minn ċerti kategoriji ta' akkordji fejn issib effetti li huma inkompatibbli mal-Artikolu 101(3) tat-Trattat.

24 Fil-valutazzjoni tal-effettività u r-rilevanza ta' dan l-objettiv, il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-valur miżjud tal-UE tar-reġim tal-MVBER. Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 6.5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

25 Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "Il-Qafas Ġejjieni tal-Liġi tal-Kompetizzjoni applikabbli għas-settur tal-vetturi bil-mutur", it-22 ta' Lulju 2009.

26 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 tal-31 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat fuq kategoriji ta' ftehim vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vettur bil-mutur. ĠU L 203, 1.8.2002.

rilevanti għas-settur tal-vetturi bil-mutur. L-evalwazzjoni għalhekk tinkludi analiżi ta' jekk kull wieħed minn dawn l-objettivi kienx intlaħaq u sa liema punt kienu wrew li kienu effettivi u/jew meħtieġa. Din l-evalwazzjoni hija ppreżentata hawn taħt:

1. *Il-prevenzjoni tal-esklużjoni mis-suq tal-manifatturi ta' vetturi f'kompetizzjoni u s-salvagwardja tal-aċċess tagħhom għas-suq*

Kif spjegat fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2009, il-Kummissjoni temmen li f'ċerti ċirkostanzi, restrizzjonijiet f'akkordji ta' distribuzzjoni - speċjalment l-użu mifrux ta' klawżoli ta' marka waħda - jistgħu jagħmluha diffiċli bla bżonn għall-manifatturi tal-vetturi bil-mutur li jikkompetu biex ikollhom aċċess għas-swieq. B'hekk, hija fittxet li tippreserva l-kapaċità tal-manifatturi tal-vetturi bil-mutur kompetituri li jidħlu fis-suq u/jew li jespandu l-preżenza tagħhom.

Abbażi, b'mod partikolari, tal-input riċevut mill-NCAs u r-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika, l-evalwazzjoni turi li **dan l-objettiv jidher li fil-biċċa l-kbira nkiseb**. Il-kompetizzjoni bejn il-marki għal karozzi ġodda tal-passiġġieri fl-UE hija qawwija u stabbli[27]. Barra minn hekk, l-informazzjoni miġbura fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni ma pprovdiet l-ebda indikazzjoni li l-manifatturi tal-karozzi tal-passiġġieri sabuha partikolarment diffiċli biex jaċċessaw is-swieq tal-vetturi bil-mutur tal-UE, jew billi jdaħħlu, jew billi jespandu l-preżenza tagħhom. Għalhekk jidher li għalkemm il-kompetizzjoni bejn il-marki se tkompli tkun objettiv importanti għal dawn is-swieq, il-protezzjoni speċifika tal-aċċess għas-suq għall-manifatturi tal-karozzi li jikkompetu magħha tista' ma tkunx rilevanti. B'kuntrast ma' dan, is-setturi tal-vetturi kummerċjali ħfief,[28] tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja tradizzjonalment kienu aktar ikkonċentrati, u l-kompetizzjoni bejn il-marki f'dawn is-swieq tidher li hija aktar dgħajfa[29]. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, jidher li **dan l-objettiv xorta jista' jkun rilevanti għal dawn is-segmenti tas-suq iżda li jista' ma jkunx daqstant rilevanti għall-karozzi tal-passiġġieri**.

2. *Il-protezzjoni tal-kompetizzjoni bejn in-negozjanti tal-istess marka*

Il-protezzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan marka hija ta' importanza partikolari meta l-kompetizzjoni bejn il-marki tkun relattivament baxxa. Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2009, il-Kummissjoni qieset li kien hemm periklu li l-kompetizzjoni fi ħdan marka tista' tiddgħajjef, b'mod partikolari f'kuntest fejn il-vetturi l-ġodda tqassmu permezz ta' negozjanti b'mudelli kummerċjali kważi identiċi. Għalhekk, hija qieset li huwa xieraq li tiġi protetta l-kompetizzjoni fil-prezzijiet bejn in-negozjanti tal-istess marka u li tiġi mħeġġa d-diversità fil-formati tad-distribuzzjoni.

L-evalwazzjoni, li tqis l-opinjonijiet tal-NCAs u tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika, turi li **dan l-objettiv jidher li nkiseb fil-biċċa l-kbira**. Abbażi tas-sejbiet tal-

---

27 Ara t-Taqsima 6.3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal u t-Taqsima 2, l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

28 Is-settur tal-vetturi kummerċjali ħfief dan l-aħħar sar aktar ikkonċentrat minħabba l-fużjoni ta' FCA u PSA M.9730 FCA / PSA.

29 Il-Kummissjoni se timmonitorja dawn is-swieq b'attenzjoni partikolari fix-xhur u fis-snin li ġejjin.

istudju ta' ġbir ta' informazzjoni, il-kompetizzjoni ma naqsitx b'mod sinifikanti bejn l-2007 u l-2017, tal-inqas sa fejn huma kkonċernati l-karozzi tal-passiġġieri[30]. Barra minn hekk, għalkemm id-densità tan-netwerks awtorizzati kompliet tonqos bejn l-2007 u l-2017,[31] jidher li l-konsumaturi qegħdin dejjem aktar jużaw l-Internet biex ifittxu l-karozzi tal-passiġġieri għall-bejgħ,[32] u li dan qed jestendi l-firxa ġeografika tan-negozjanti awtorizzati li fadal. Fl-aħħar nett, mill-2010, hija ma segwiet l-ebda każ ibbażat fuq allegazzjonijiet li l-fornituri kienu ħolqu ostakli għall-kompetizzjoni fi ħdan marka[33]. Madankollu, l-evalwazzjoni turi li l-omoġeneità fil-formati tad-distribuzzjoni osservata qabel l-2010 għadha preżenti fis-swieq fl-2021, u li, b'mod partikolari, il-maġġoranza vasta tal-karozzi tal-passiġġieri għadhom jiġu distribwiti permezz ta' netwerks ta' distribuzzjoni selettiva kwantitattiva[34].

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, jidher li **dan l-objettiv jibqa' rilevanti għas-setturi tal-vetturi kummerċjali ħfief, tat-trakkijiet u tal-karozzi tal-linja**, fejn il-livelli ta' konċentrazzjoni huma ogħla, u hemm kompetizzjoni aktar dgħajfa bejn il-marki. Fir-rigward tas-settur tal-karozzi tal-passiġġieri, l-eżistenza ta' gruppi ta' negozjanti li jista' jkollhom portafoll ta' ditti f'żona lokali partikolari, u b'hekk potenzjalment inaqqsu l-kompetizzjoni bejn il-marki f'dik iż-żona, tista' tkun indikazzjoni li l-**protezzjoni tal-kompetizzjoni fi ħdan marka tibqa' wkoll objettiv rilevanti għad-distribuzzjoni tal-karozzi tal-passiġġieri**.

3. Jiġu evitati restrizzjonijiet fuq il-kummerċ parallel fil-vetturi bil-mutur

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2009, il-Kummissjoni osservat li l-protezzjoni tal-kummerċ transfruntier kienet ippermettiet lill-konsumaturi jixtru fis-Suq Uniku u jieħdu vantaġġ mid-differenzi fil-prezzijiet bejn l-Istati Membri. Għalhekk, hija sabet li huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-konsumaturi jkompli jkollhom din l-opportunità, u li l-akkordji ta' distribuzzjoni ma jillimitawx il-kummerċ parallel.

Filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet tal-NCAs u tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika, l-evalwazzjoni turi li **dan l-objettiv intlaħaq tal-inqas parzjalment**, fis-sens li l-konsumaturi ġeneralment jistgħu jixtru vetturi bil-mutur fi Stati Membri oħra mingħajr ostakli sostanzjali. Għalkemm il-Kummissjoni kellha skambji[35] u lmenti formali rigward ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċ transfruntier, hija ma sabet l-ebda ostaklu sostanzjali min-naħa tal-fornituri li jkun jeħtieġ investigazzjoni fil-fond.

Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija li **dan l-objettiv għadu rilevanti**: sejba li kienet fil-biċċa l-kbira appoġġata mill-NCAs u mir-rispondenti għall-

30 Ara s-sejbiet tal-istudju ta' ġbir ta' informazzjoni, it-Taqsima 5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal u l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

31 Din hija kontinwazzjoni ta' xejra twila; ara t-Taqsima III tar-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tħaddim tar-Regolament (KE) Nru 1400/2002 dwar id-distribuzzjoni u l-manutenzjoni tal-vetturi bil-mutur, Mejju 2008.

32 Ara l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

33 Ara l-Anness 4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

34 Ara t-Taqsima 5 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal u l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

35 Madwar 25 % tas-sottomissjoni informali li rċeviet il-Kummissjoni mill-2010 kienet tikkonċerna restrizzjonijiet ta' kummerċ parallel.

konsultazzjoni pubblika. Il-protezzjoni u l-promozzjoni tas-Suq Uniku jibqgħu objettiv ewlieni tal-Kummissjoni[36]. Sabiex il-konsumaturi individwali jibbenefikaw mis-Suq Uniku, huwa essenzjali li jkunu jistgħu jixtru prodotti u servizzi bejn il-fruntieri mingħajr ma jiltaqgħu ma' ostakli artifiċjali. Wara dar, il-vettura bil-mutur hija l-aktar investiment li jiswa l-flus li jagħmel konsumatur medju, u jekk ix-xiri transfruntier jiġi mfixkel, ir-riskju ta' dannu lill-konsumatur huwa għalhekk kbir.

4. *L-abilitazzjoni ta' sewwejja indipendenti biex jikkompetu man-networks ta' sewwejja awtorizzati tal-manifatturi*

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2009, il-Kummissjoni nnutat li s-sewwejja indipendenti pprovdew lill-konsumaturi b'kanal alternattiv għaż-żamma tal-vetturi bil-mutur tagħhom u kienu sors ta' pressjoni kompetittiva vitali, peress li l-mudelli tan-negozju u l-ispejjeż operattivi tagħhom kienu differenti minn dawk tan-netwerks awtorizzati. Il-kapaċità tas-sewwejja indipendenti li jikkompetu kienet tiddependi mill-aċċess mhux ristrett għal inputs essenzjali bħal spare parts, għodod, taħriġ u informazzjoni teknika. Għalhekk, hija qieset li huwa meħtieġ li jiġi ssalvagwardjat dan l-aċċess, kif ukoll li l-forniturи u/jew is-sewwejja awtorizzati tagħhom jiġu skoraġġuti milli jużaw mezzi indiretti oħra biex jeskludu s-sewwejja indipendenti, bħal permezz tal-użu ħażin tal-garanziji.

L-NCAs u r-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika kkonfermaw b'mod ġenerali li **dan l-objettiv intlaħaq mill-inqas parzjalment**. Minn meta l-Kummissjoni adottat l-erba' deċiżjonijiet dwar l-*Informazzjoni Teknika* fl-2007,[37] u inkludiet it-tagħlimiet meħuda fl-SGL, ma tressqu l-ebda lmenti robusti dwar dan il-punt speċifiku. Madankollu, l-operaturi indipendenti li jikkompetu mas-sewwejja awtorizzati għadhom jirrappurtaw diffikultajiet biex jaċċessaw l-inputs li jeħtieġu biex isewwu l-vetturi (eż. kwistjonijiet biex tinkiseb informazzjoni sħiħa jew aġġornata u restrizzjonijiet dwar l-aċċess għad-*data* ta' ġol-vettura)[38]. Din il-fehma hija appoġġjata minn xi NCAs, li jirreferu wkoll għal diffikultajiet għal sewwejja indipendenti biex jiksbu aċċess f'waqtu għal inputs għat-tiswija u l-manutenzjoni. Filwaqt li xi whud minn dawn il-kwistjonijiet jistgħu jkunu marbuta mal-mudelli tan-negozju ta' dawn l-operaturi (ħafna drabi b'diversi marki), u mal-investimenti ewlenin meħtieġa biex ikunu jistgħu jissewwew vetturi bil-mutur dejjem aktar avvanzati teknoloġikament, il-Kummissjoni ma tistax teskludi li whud mid-diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom jistgħu jkunu minħabba restrizzjonijiet fis-swieq.

Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, l-evalwazzjoni ssib li **l-objettiv għadu rilevanti**, fis-sens li s-sewwejja indipendenti għadhom qed jipprovdu propożizzjoni ta' valur importanti għall-konsumaturi, għalkemm xi mġiba mill-atturi tas-suq tista' teħtieġ skrutinju aktar profond, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi reċenti tas-suq li jikkonċernaw iż-

[36] L-Istrateġija industrijali l-ġdida għall-Ewropa (COM(2020)102 10.3.2020) tqiegħed is-suq uniku fil-qalba tagħha, bħala wieħed mill-elementi fundamentali tat-trasformazzjoni industrijali tal-Ewropa.

[37] Ara l-każijiet AT. 39140 - *DaimlerChrysler,* AT. 39141- *Fiat,* AT. 39142 - *Toyota Motor Europe* u AT. 39143 - *Opel.*

[38] Madwar 10 % tas-sottomissjonijiet informali li rċeviet il-Kummissjoni sa mill-2010 kienu jikkonċernaw restrizzjonijiet fuq restrizzjonijiet fuq l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni/*data* dwar il-vetturi.

żieda fl-importanza tal-aċċess għad-*data*.

5. Il-protezzjoni tal-kompetizzjoni bejn is-sewwejja awtorizzati tal-istess marka

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2009, il-Kummissjoni qieset li l-kompetizzjoni effettiva fis-suq għas-servizzi ta' tiswija u ta' manutenzjoni mhux biss kienet tiddependi mill-interazzjoni kompetittiva bejn is-sewwejja indipendenti u awtorizzati, iżda wkoll mill-grad ta' tali interazzjoni fin-network ta' sewwejja awtorizzati. Dan kien aktar u aktar minnu għas-sidien ta' vetturi bil-mutur aktar ġodda, li kellhom it-tendenza li jagħtuhom servizz f'garaxxijiet awtorizzati. Għalhekk, hija kkonkludiet li s-sottomissjoni tas-sewwejja kandidati għal għażla kwantitattiva (inkluż billi tobbligahom ibigħu wkoll vetturi bil-mutur ġodda) x'aktarx li twassal biex akkordji jaqgħu taħt l-Artikolu 101(1) tat-Trattat.[39] Peress li l-biċċa l-kbira tal-akkordji ta' tiswija awtorizzati ma setgħux jibbenefikaw minn eżenzjoni ta' kategorija minħabba l-ishma mis-suq tal-partijiet, dan kien jimplika li l-limiti fuq in-numri tas-sewwejja jkunu jeħtieġu awtovalutazzjoni individwali.

Fid-dawl tal-informazzjoni miġbura fl-evalwazzjoni, b'mod partikolari l-fehmiet tal-NCAs, iżda wkoll dawk tal-partijiet ikkonċernati, jidher li **dan l-objettiv, tal-inqas, intlaħaq parzjalment**. Għalkemm l-istudju ta' ġbir ta' informazzjoni enfasizza tnaqqis ġenerali fl-għadd ta' ħwienet tat-tiswija awtorizzati minn 2007 għal 2017, kif ukoll tnaqqis fl-għadd totali ta' kuntratti ffirmati minn manifatturi ta' vetturi bil-mutur ma' sewwejja awtorizzati, l-esperjenza tal-Kummissjoni ma tindika l-ebda prattika ġeneralizzata min-naħa tal-fornituri li jirrifjutaw id-dħul fin-netwerk lil sewwejja kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' kwalità applikabbli.

Mill-kontribut tal-NCAs u tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika, l-evalwazzjoni turi li **dan l-objettiv għadu rilevanti**, b'mod partikolari minħabba li n-netwerks awtorizzati jkomplu jgawdu minn saħħa sinifikanti fis-suq.

6. Il-prevenzjoni tal-esklużjoni tal-fornituri ta' spare parts

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2009, il-Kummissjoni osservat li spiss kien hemm differenzi kbar fil-prezz bejn il-partijiet mibjugħa jew mibjugħa mill-ġdid minn manifattur tal-vetturi bil-mutur u marki alternattivi ta' parts. Id-disponibbiltà ta' alternattivi ġabet benefiċċji konsiderevoli għall-konsumaturi, f'termini kemm ta' għażla kif ukoll ta' prezz. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li tipproteġi l-aċċess tal-manifatturi tal-ispare parts għas-swieq ta' wara l-bejgħ tal-vetturi bil-mutur, b'mod partikolari permezz tal-identifikazzjoni ta' tliet klawsoli fundamentali fl-MVBER, biex b'hekk jiġi żgurat li l-marki konkorrenti tal-ispare parts jibqgħu disponibbli.

B'kunsiderazzjoni tal-fehmiet tal-NCAs u tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika, l-evalwazzjoni turi li **dan l-objettiv intlaħaq parzjalment**. L-ewwel nett, fl-esperjenza ta' monitoraġġ u infurzar tal-Kummissjoni,[40] normalment ikun hemm alternattivi disponibbli għall-

[39] Ara l-paragrafu 70 tal-SGL.

[40] Ara l-Anness 4 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

aktar partijiet komuni użati fil-manutenzjoni tal-vetturi bil-mutur, u s-sewwejja indipendenti spiss jużaw dawn il-partijiet biex isewwu u jżommu l-vetturi tal-klijenti. It-tieni nett, għalkemm xi partijiet ikkonċernati indikaw li s-sewwejja indipendenti għadhom jiffaċċjaw ċerti diffikultajiet, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda lment dwar l-antitrust f'dan il-qasam li jindika aktar minn probabbiltà limitata li jinstab ksur tal-Artikolu 101 tat-Trattat.

Fir-rigward tat-tkomplija tar-rilevanza ta' dan l-objettiv, is-swieq tal-ispare parts ġeneralment jidhru li huma kkaratterizzati minn żewġ riġiditajiet b'mod partikolari. L-ewwel nett, l-arranġamenti kuntrattwali tal-operaturi tas-servizzi essenzjali mal-manifatturi tal-vetturi bil-mutur jistgħu jipprevjenu jew ixekklu lil dawk tal-ewwel milli jfornu direttament lis-suq ta' wara l-bejgħ, f'kompetizzjoni ma' parts mibjugħa lill-manifatturi tal-vetturi u mbagħad mibjugħa mill-ġdid bħala spare parts. B'mod partikolari, il-fornituri fis-settur jidhru li jużaw l-hekk imsejħa "arranġamenti ta' għodod", u xi kultant jimponu rekwiżiti fuq l-OES biex jittrasferixxu d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali lill-klijenti tagħhom. It-tieni nett, l-akkordji bejn l-OEMs u s-sewwejja awtorizzati jistgħu jobbligaw jew jinċitaw lil dawn tal-aħħar biex jixtru l-biċċa l-kbira tal-provvisti tagħhom ta' parts direttament mingħand il-manifattur tal-vettura bil-mutur. L-evalwazzjoni għalhekk issib li **dan l-objettiv għadu rilevanti**.

7. Il-preservazzjoni tal-effett ta' deterrent tal-Artikolu 101 tat-Trattat – il-fornituri ma jitħallewx jużaw pressjoni indiretta u theddid biex jiksbu riżultati antikompetittivi

Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-2009, il-Kummissjoni qieset li huwa xieraq li tinkludi, bħala miżura ta' "akkumpanjament", l-objettiv li jiġi żgurat li l-fornituri ma jużawx l-isfera ta' sikurezza mogħtija mill-eżenzjoni ta' kategorija biex jimpedixxu mġiba indipendenti prokompetittiva minn negozjanti u min isewwi awtorizzati permezz ta' diversi forom ta' pressjoni indiretta u theddid biex jinkisbu riżultati antikompetittivi.

B'kunsiderazzjoni tal-fehmiet tal-NCAs u tar-rispondenti għall-konsultazzjoni pubblika, l-evalwazzjoni turi li **dan l-objettiv intlaħaq parzjalment, jekk mhux għal kollox**. B'mod partikolari, bejn l-2010 u l-2020, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda lment li jippermettilha ssib li l-fornituri kienu fixklu l-imġiba favur il-kompetizzjoni billi eżerċitaw pressjoni indiretta jew theddid fuq in-negozjanti jew is-sewwejja u b'hekk tkun iġġustifikata investigazzjoni fil-fond. Jidher li, bħal f'ħafna industriji tal-oġġetti durabbli, id-distributuri spiss ikunu l-parti l-aktar dgħajfa tal-akkordji mal-fornituri. Filwaqt li dan mhuwiex antikompetittiv fih innifsu u ma jammontax għal evidenza *prima facie* ta' mġiba antikompetittiva, il-Kummissjoni xorta waħda tqis tali żbilanċ jekk jinġiebu għall-attenzjoni tagħha elementi li jissuġġerixxu li l-fornituri kienu eżerċitaw tali pressjoni indiretta jew theddid fuq in-negozjanti jew is-sewwejja. Kontribuzzjonijiet minn ftit NCAs kif ukoll minn rispondenti li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika jappoġġaw l-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dgħufija relattiva tal-pożizzjoni kuntrattwali tan-negozjanti, iżda ma jidhrux li jindikaw li intużaw pressjoni jew theddid biex tiġi sfruttata din id-dgħufija bil-ħsieb li tiġi ostakolata l-imġiba favur il-kompetizzjoni.

L-evalwazzjoni tindika li **dan l-objettiv jista' ma jkunx partikolarment rilevanti, speċjalment fir-rigward tas-swieq tal-karozzi tal-passiġġieri** fejn, kif jikkonferma l-istudju ta' ġbir ta' informazzjoni,[41] hemm kompetizzjoni b'saħħitha bejn il-marki. L-ewwel nett, ftit hemm indikazzjonijiet li l-forniturijiksbu riżultati antikompetittivi billi jeżerċitaw pressjoni fuq il-bejjiegħa/sewwejja tagħhom jew jhedduhom. Pjuttost, fl-esperjenza tal-Kummissjoni, il-kapaċità tal-forniturili jinfluwenzaw l-imġiba tal-bejjiegħa/sewwejja tagħhom għandha t-tendenza li timmanifesta ruħha fil-fatt li, bħal ħafna distributuri ta' oġġetti durabbli, dawn tal-aħħar jagħmlu investimenti kbar fid-ditta, u għalhekk ma jkunux lesti li jipperikolaw dawk l-investimenti billi jmorru kontra dak li jipperċepixxu bħala l-interessi tal-fornitur tagħhom. Madankollu, fid-dawl tal-kummenti li saru minn xi partijiet ikkonċernati dwar għadd ta' prattiki li fil-fehma tagħhom jistgħu jservu bħala mezz indirett biex jinkisbu riżultati antikompetittivi,[42] tista' tkun meħtieġa analiżi ulterjuri dwar jekk dan jibqax objettiv ta' politika speċifiku rilevanti.

L-evalwazzjoni inkludiet ukoll analiżi ta' jekk **objettivi oħra relatati mal-kompetizzjoni jistgħux ikunu rilevanti**, b'mod partikolari fid-dawl tal-iżviluppi reċenti tas-suq li jikkonċernaw l-aċċess għad-*data* ta' ġol-vettura u l-importanza tas-sostenibbiltà.

Ħafna *data* ta' ġol-vettura, jew l-informazzjoni derivata minnha (bħall-fatt li vettura jkollha ħsara partikolari, jew tkun teħtieġ servizz ta' rutina), jistgħu jitqiesu bħala input essenzjali għat-tiswija u għall-manutenzjoni. Meta tali *data* jew informazzjoni ma tkunx disponibbli minn sorsi oħra, u tiġi pprovduta lil sewwejja awtorizzati, għandha għalhekk tiġi pprovduta wkoll fuq bażi ugwali lil operaturi indipendenti li jkunu f'kompetizzjoni ma' dawk is-sewwejja. Madankollu, l-evalwazzjoni ssib li l-aċċess għad-*data*, bħall-aċċess għal inputs essenzjali oħra, għandu jitqies bħala subsett tal-objettiv speċifiku li jippermetti lil sewwejja indipendenti jikkompetu man-netwerks tal-manifatturi ta' sewwejja awtorizzati, aktar milli bħala objettiv separat.

Fir-rigward tas-sostenibbiltà,[43] l-aktar mod effettiv biex ir-regoli tal-kompetizzjoni jikkontribwixxu għal dawn l-objettivi huwa li tiġi żgurata kompetizzjoni effettiva, li tistimula l-innovazzjoni u b'hekk tinkoraġġixxi l-offerta ta' prodotti u servizzi sostenibbli. L-MVBER diġà jippermetti l-eżenzjoni tal-akkordji kollha, inklużi dawk li jimmiraw lejn l-objettivi tas-sostenibbiltà, sakemm l-ishma tas-suq tal-partijiet ma jaqbżux il-limitu ta' 30 %[44] u ma jkunx hemm restrizzjonijiet fundamentali[45]. Fejn l-ishma tas-suq jaqbżu l-limitu ta' 30 %, tali akkordji jibqgħu soġġetti għal valutazzjoni individwali skont l-Artikolu 101(3) tat-Trattat.

---

41 Ara t-Taqsima 2, l-Anness 2 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

42 Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 150 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal; It-Taqsima 2.3.1 ("Prevalenza ta' restrizzjonijiet partikolari") u t-Taqsima 3.3.2, l-Anness 3 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal; u t-Taqsima 1.9, l-Anness 6 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

43 Għadd ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika indikaw li l-applikazzjoni tal-MVBER għandha tiffaċilita jew tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tas-sostenibbiltà.

44 Ara l-Artikolu 3 VBER.

45 Ara l-Artikolu 4 VBER u l-Artikolu 5 MVBER.

Fl-aħħar nett, f'dak li jirrigwarda l-kamp ta' applikazzjoni materjali kurrenti tal-MVBER,[46] dan ġie stabbilit fl-2010 wara analiżi sħiħa tas-settur, li wriet fost l-oħrajn riġiditajiet konsiderevoli[47] fis-swieq għall-ispare parts għal vetturi b'erba' roti[48]. Għalkemm il-maġġoranza ta' dawk li wieġbu għall-konsultazzjoni pubblika qiesu li l-kamp ta' applikazzjoni għandu jitwessa' biex ikopri wkoll vetturi b'żewġ roti u xi vetturi mhux maħsuba għat-toroq (eż. makkinarju agrikolu, tratturi u vetturi tal-forestrija, vetturi tal-kostruzzjoni), l-esperjenza tal-Kummissjoni matul l-aħħar għaxar snin ma tat l-ebda indikazzjoni konkreta li jeżistu riġiditajiet simili fir-rigward ta' dawn il-prodotti. Il-valutazzjoni attwali tagħha hija għalhekk li l-**kamp ta' applikazzjoni attwali għadu rilevanti u xieraq**: fehma li hija kondiviża mill-maġġoranza tal-NCAs.

L-evalwazzjoni għalhekk turi li r-reġim tal-MVBER ġeneralment laħaq l-erba' objettivi speċifiċi tiegħu, li għadhom rilevanti. Isegwi li l-**objettiv ġenerali** tar-reġim tal-MVBER[49] ukoll **fil-biċċa l-kbira nkiseb u għadu rilevanti**.

B. <u>L-effiċjenza u l-koerenza tar-reġim tal-MVBER</u>

L-evalwazzjoni tindika li r-reġim tal-MVBER kien effiċjenti, u li l-ispejjeż li jirriżultaw mill-valutazzjoni tal-konformità tal-akkordji vertikali fis-settur tal-vetturi bil-mutur mal-Artikolu 101 tat-Trattat huma proporzjonati għall-benefiċċji li jġib miegħu r-reġim tal-MVBER. Fin-nuqqas ta' dan tal-aħħar, il-kostijiet kienu jkunu ogħla. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni wriet li l-MVBER, il-VBER, l-SGL u l-VGL huma koerenti fihom infushom u bejniethom kif ukoll ma' leġiżlazzjoni oħra tal-UE. Madankollu, xi partijiet ikkonċernati jqisu li r-reġim huwa nieqes minn konsistenza fi ftit oqsma bħad-distinzjoni bejn imġiba bilaterali u unilaterali fir-rigward tal-ħruġ ta' aċċess għal informazzjoni teknika, ċerti referenzi għal ishma tas-suq fl-SGL, jew id-definizzjonijiet rilevanti tas-suq fis-settur tal-vetturi bil-mutur[50].

4. Valutazzjoni ġenerali

B'mod ġenerali, l-ambjent kompetittiv fis-swieq tal-vetturi bil-mutur ma nbidilx ħafna mill-2010. Madankollu, is-settur issa jinsab taħt pressjoni intensa biex jadatta, minħabba b'mod partikolari tliet fatturi. L-ewwel nett, hemm evoluzzjoni teknoloġika, b'mod partikolari fir-rigward tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni u l-importanza dejjem akbar tad-*data* ta' ġol-vettura. It-tieni, hemm pressjoni kostanti biex jitnaqqsu l-

---

46 L-Artikoli 1(g) u 4 MVBER.

47 Jiġifieri: (i) l-arranġamenti kuntrattwali tal-operaturi tas-servizzi essenzjali mal-manifatturi tal-vetturi (eż. l-ħekk imsejħa arranġamenti ta' għodod); u (ii) inċentivi mogħtija lil sewwejja awtorizzati biex jixtru l-biċċa l-kbira tal-provvisti tagħhom ta' partijiet direttament mill-OEM.

48 Ara l-paragrafi 64 *et seq.* tad-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, il-Qafas tal-Liġi tal-Kompetizzjoni Futura applikabbli għas-settur tal-vetturi bil-mutur, il-Valutazzjoni tal-Impatt u t-Taqsima 4 tal-istudju dwar "L-iżviluppi fis-swieq tal-bejgħ bl-imnut u ta' wara l-bejgħ tal-karozzi skont ir-Regolament Nru 1400/2002".

49 Li jiġi ppreservat l-effett deterrenti tal-Artikolu 101 tat-Trattat billi tiġi ffaċilitata l-ħidma ta' infurzar tal-Kummissjoni, l-NCAs u l-qrati nazzjonali u li n-negozji jiġu megħjuna jwettqu l-awtovalutazzjoni tal-akkordji vertikali tagħhom.

50 Għal aktar dettalji, ara t-Taqsima 4, l-Anness 6 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal.

emissjonijiet, b'mod partikolari fid-dawl tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti[51] u l-Patt Ekoloġiku,[52] u biex nersqu lejn fjuwils u sistemi tal-motopropulsjoni li jirrispettaw aktar l-ambjent. It-tielet nett, is-settur irid jiffaċċja d-dinja ta' wara l-COVID-19 u l-probabbiltà li x-xejriet tal-mobilità jistgħu sa ċertu punt ikunu nbidlu b'mod permanenti. Għalhekk jidher probabbli li xi partijiet mis-settur tal-vetturi bil-mutur se jevolvu malajr matul is-snin li ġejjin u li dan se jkollu impatt fuq il-kundizzjonijiet tal-kompetizzjoni li, s'issa, ma jistgħux jiġu kkwantifikati.

Fir-rigward tas-swieq tad-distribuzzjoni tal-vetturi bil-mutur, l-informazzjoni disponibbli għandha t-tendenza li tindika li l-kundizzjonijiet kompetittivi jvarjaw skont it-tip ta' vettura. Filwaqt li l-kompetizzjoni fil-karozzi tal-passiġġieri hija qawwija, hija inqas intensa għall-vetturi kummerċjali ħfief, għat-trakkijiet u għall-karozzi tal-linja.

F'dan l-istadju, ma hemm l-ebda indikazzjoni ta' falliment tas-suq jew ħsara attwali jew potenzjali lill-konsumatur li tiġġustifika d-distinzjoni tad-distribuzzjoni tal-vetturi bil-mutur mid-distribuzzjoni ta' oġġetti oħra li jservu fit-tul. Għalhekk, l-applikazzjoni tal-VBER tidher xierqa għad-distribuzzjoni tal-vetturi bil-mutur.

Fir-rigward tas-swieq tat-tiswija tal-vetturi bil-mutur, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni hija li ħafna sewwejja awtorizzati jgawdu minn setgħa konsiderevoli fis-suq lokali (b'mod partikolari minħabba s-sehem għoli tagħhom ta' tiswijiet fuq karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief iżgħar), u li għalhekk ma jkunx sikur li jiżdied il-limitu tas-sehem mis-suq tal-MVBER biex jinqabdu akkordji bejn tali sewwejja u l-fornituri tagħhom. Għalkemm il-kompetizzjoni fi ħdan marka fi ħdan in-netwerks awtorizzati hija limitata minn kriterji ta' kwalità stretti u dettaljati u l-investimenti kbar li s-sewwejja awtorizzati huma meħtieġa jagħmlu, is-sewwejja indipendenti jkomplu jeżerċitaw pressjoni kompetittiva vitali fuq is-sewwejja awtorizzati u jiżguraw li l-konsumaturi jkunu jistgħu jgawdu minn għażla fil-provvista u fil-prezzijiet. Dawn l-operaturi jistgħu jkomplu jeżerċitaw pressjoni bħal din biss jekk ikollhom aċċess għal inputs ewlenin bħal spare parts, għodod, taħriġ, informazzjoni teknika u *data* ġġenerata mill-vettura. Ir-reġim attwali għalhekk jibqa' xieraq, iżda jista' jeħtieġ aġġornament biex jitqies il-progress teknoloġiku.

s-swieq tal-ispare parts tal-vetturi bil-mutur jidher li għandhom riġiditajiet li (indirettament) inaqqsu l-għażla disponibbli għall-konsumaturi finali. F'dan l-istadju, jidher għalhekk li t-trattament speċjali ta' dawn is-swieq għadu mistħoqq.

B'mod ġenerali, ir-reġim attwali tal-MVBER wera li huwa xieraq u adattat għal sitwazzjonijiet differenti. Il-Kummissjoni għalhekk ma tqisx li bħalissa hemm bżonn ta' bidla kbira fir-regoli eżistenti. Madankollu, hija tosserva wkoll li xi dispożizzjonijiet jista' jkollhom bżonn jiġu aġġornati, b'mod partikolari biex jirriflettu l-importanza li l-

[51] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur. COM/2020/789 final.

[52] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Il-Patt Ekoloġiku Ewropew. COM/2019/640.

aċċess għad-*data* x'aktarx ikollu bħala fattur ta' kompetizzjoni. Xi wħud mill-objettivi ta' politika speċifiċi tar-reġim attwali jistgħu wkoll jeħtieġu li jiġu kkunsidrati mill-ġdid fid-dawl ta' din il-valutazzjoni.

5. Konklużjoni

Dan ir-rapport jippreżenta r-riżultati tal-evalwazzjoni dwar il-funzjonament tar-reġim tal-MVBER u bl-ebda mod ma jippreġudika d-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar jekk għandhiex tħalli r-reġim attwali tal-MVBER jiskadi sal-31 ta' Mejju 2023,[53] iġġeddu jew tirrevedih. Is-sejbiet tal-evalwazzjoni tal-VBER se jiġu kkunsidrati wkoll f'dan il-kuntest.

[53] Jekk l-MVBER attwali jiskadi, il-VBER japplika b'mod awtomatiku.